MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 364/2008

**Talba Nru: 364/2008VGD**

GO p.l.c. (C22334).

Vs

George Tabone (Id. 480959M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elfejn, erba mija u hamsa u tmenin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€2485.49) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma’ servizz telefoniku li jgib in-numru S/C 6332, u dan skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenut, li minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, baqa inadempjenti u ghalhekk

kellha ssir din il-kawza.  Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’  elfejn, erba mija u hamsa u tmenin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€2485.49), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------